*- KOLLIZZJONI –*

*- PROPER LOOK-OUT – SEWQAN PRUDENTI – BONUS PATER FAMILIAS-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 26 t'April 2001

**Kawza Numru: 40**
**Citazzjoni Numru: 427/97/RCP**

**Formosa & Camilleri Ltd u dawn bhala agenti ta' Guardian Royal Exchange plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Edward Mifsud u l-istess Edward Mifsud f'ismu proprju.**

**vs**

**Joe Camenzuli**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-vettura F-2994 hija propjeta tal-assigurat u assigurata comprehensive mal-attur hlief ghal £25 *'excess'*.

Illi fit-12 ta' Novembru 1996, go Paola, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura EAB994 kkaguna incident mal-vettura F-2994 u kkaguna hsarat kbar waqt li din il-vettura kienet misjuqa minn Edward Mifsud.

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba negligenza u nosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss.

Illi l-attur hallas l-ammont ta' £m1763 (elf, seba mija u tlieta u sittin lira) fuq il-vettura F-2994; u wara li gabar £m25 (hamsa u ghoxrin lira) 'excess' jigi li nefaq £m1738 u issa jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu f'dan l-ammont.

Illi l-assigurat hallas £m25 'excess' minn butu.

Illi nterpellat ihhallas, il-konvenut baqa nadempjenti.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabblii ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghar-ragunijiet hemm citati.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' £m1763 (elf, seba mija u tlieta u sittin lira) jew somma ohra verjuri li tillikwida din il-Qorti kwantu ghal £m1738 effettivament imhallsa mill-attur noe u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu, u kwantu ghal £m25 imhallsa minn Edward Mifsud, jekk jinhtieg bin-nomina ta' periti.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-29 ta' Jannar 1996 u bl-imghax tat-8% fuq £m1763 millum sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tallum kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-19 ta' Frar 1998 (fol 13) fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fic-Citazzjoni prezenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, in kwantu huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-eccipjenti, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Edward Mifsud, li wettaq manuvra ta' dhul minn triq principali ghal gewwa triq sekondarja minghajr ma ghamel ebda sinjal ta' indikazzjoni u b'hekk holoq emergenza subitanea li ghaliha l-eccipjenti ma kellux il-hin illi jirreagixxi, u b'hekk kien l-attur Edward Mifsud stess illi kien il-kawza diretta ta' l-incident *de quo.*

2. Illi bhala rizultat ta' dan l-incident awtomobilistiku, illi sehh minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur Edward Mifsud, l-eccipjenti bata dannu illi qieghed jifforma l-meritu ta' kontro-talba prezenzjalment sollevata.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 14 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:

Illi fit-12 ta' Novembru 1996, waqt li l-konvenut rikonvenjenti kien qed isuq il-vettura, bin-numru ta' registrazzjoni EAB 994 gewwa Paola, hu safa involut f'kollizzjoni awtomobilistika ma' l-attur rikonvenut Edward Mifsud, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni F-2994(M);

Illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur rikonvenut Edward Mifsud, kif jista' jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut rikonvenjenti soffra danni estensivi fil-vettura tieghu, kawza ta' din il-kollizjoni, liema danni ghadhom ma gewx risarciti sal-lum;

L-istess konvenut rikonvenzjonat talab li l-attur rikonvenut Edward Mifsud, jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut rikonvenjenti f'incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Novembru 1996 gewwa Paola kif fuq premess.

2. Tillikwida tali danni fuq imsemmija, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut Edward Mifsud sabiex ihallas lill-konvenut rikonvenjenti tal-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut Edward Mifsud, li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenut a fol 16 tal-process.

Rat il-verbal tal-21 ta' Jannar 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd et noe dwar il-kontro-talba ta' Joe Camenzuli tas-26 ta' Jannar 1998 (fol 20 tal-process) fejn gie ecceppit:

Illi d-domandi ta' Joe Camenzuli ghandhom jigu respinti stante li Edward Mifsud ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali li gara fit-12 ta' Novembru 1996 go Paola bejn F-2994 u EAB994 misjuqa minn Camenzuli, stante li kien tal-ahhar unikament responsabbli ghall-incident stradali 'de quo' minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu biss.

Isegwi li m'hemmx danni x'jigu likwidati favur Camenzuli.

Isegwi li Edward Mifsud ma jista' qatt jigi kkundannat ihallas ebda danni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Formosa & Camilleri Ltd et noe a fol 21 tal-process;

Rat il-verbal tal-15 ta' Gunju 1998 fejn Dr Cefai talab korrezzjoni tac-citazzjoni fis-sens illi l-kelma "noe" fl-ewwel vers tac-citazzjoni tithassar. Dr Frendo ma topponix. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 175 tal-Kap 12 laqghet it-talba u ordnat il-kancellament tal-kelma "noe". Dr Frendo tat ruha b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta u rrinunzjat ghal kull terminu. Xehedu l-attur Edward Mifsud u PS 679 Saviour Camilleri. Dr Cefai ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Frar 1999 ghall-provi tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-3 ta' Frar 1999, tad-19 ta' Novembru 1999, u tal-31 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-konvenut tal-4 ta' Settembru 2000 fejn permezz taghha esebixxa affidavit.

Rat il-verbali tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-15 ta' Frar 2001 fejn xehed Joe Camenzuli u tal-5 t'April 2001 fejn xehed Edward Mifsud u Dr Rachelle Montebello ddikjarat li m'ghandiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 t'April 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kollizzjoni titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fit-12 ta' Novembru 1996 go Korradino Hill Paola bejn il-karozza Reg No F-2994 misjuqa mill-attur u l-karozza misjuqa mill-konvenut Reg No EAB-994.

Illi d-dinamika ta' l-istess incident hija wkoll pjuttost cara u dan peress li jirrizulta li z-zewg sewwieqa nvoluti f'dan l-incident kienu qed isegwu lil xulxin f'Paola Hill, Paola bil-karozza ta' l-attur fuq quddiem.

Illi jirrizulta wkoll li f'xi mument waqt li l-attur kien ghaddej mill-istess triq iddecieda li jikser fuq ix-xellug tieghu biex jidhol fit-Technical College li hemm fuq ix-xellug ta' l-istess triq, ftit wara l-bidu tal-istess tela'. Jirrizulta in kontradett li z-zewg karozzi tal-partijiet kienu t-tnejn mexjin fuq il-karregjata ta' gewwa ta' l-istess triq.

Illi l-unika kontestazzjoni li tirrizulta bejn il-partijiet ghal dak li jirrigwarda l-istess incident hija fis-sens li l-attur qed isostni li qabel ma dar fuq ix-xellug huwa naqqas l-i*speed* u ghamel is-sinjal biex idur fuq ix-xellug u kif beda jdur qala' d-daqqa, mentri min-naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-impatt sar peress li l-attur kiser f'daqqa wahda fuq ix-xellug tieghu minghajr ma ghamel sinjal tempestivament.

Illi fil-fatt din il-posizzjoni opposta tal-partijiet tirrizulta car anke mill-okkorrenza li giet redatta mis-Surgent PS 679 li nvestiga l-incident, fejn inghad is-segwenti:

"*Is-sewwieq ta' vettura F-2294 stqarr li huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu fit-tela' ta' Kordin, ghamel sinjal bl-indicator biex idur u jidhol mill-gate ta' l-iskola u l-vettura EAB-994 li kienet warajh habtet mal-karozza tieghu, tilef il-kontrol u habat mad-dahla tal-gate ta' l-iskola.*

*Is-sewwieq tal-vettura EAB-994 stqarr li huwa kien qieghed isuq il-karozza tieghu wara l-vettura F-2294, f'daqqa din kisret ghal go l-iskola minghajr indikazzjoni u huwa habat mal-wara taghha.*".

Illi ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jzomm *proper look-out,* fil-fatt fis-sentenza "**Dr Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar**" - P.A. FGC 6 ta' Novembru 1998 – LXXXII.III.322) inghad illi: "*tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhalma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti, u (b) hu anke dmir ta' sewwieq li jzomm dik li komunikament tissejjah 'a reasonable look-out', liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli".*

Illi fil-kuntest tas-sewqan tal-konvenut dan iffisser li l-konvenut kellu jara dak li kien *in plain view* u fil-kuntest tal-

kawza proprja jzomm id-distanza sufficjenti sabiex jirregola l-investiment tal-vettura tieghu b'mod li jkun kapaci jirreagixxi ghall-azzjonijiet tal-karozza ta' quddiemu, u sabiex jaghmel dan irid juza l-livel ta' prudenza rikjest mill-*bonus pater familias* tenut kont anke ta' fatturi bhal ma huma l-velocita` tieghu u l-kundizzjoni tat-triq.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kif ammetta l-istess konvenut innifsu fl-affidavit tieghu tat-22 t'Awissu 2000 a fol 47 tal-process huwa kien ilu jsegwi l-karozza ta' l-attur u l-i*speed* taz-zewg vetturi kien wiehed normali.

Illi fil-fatt tant hu minnu dan li l-istess konvenut sostna:

"*Jien kont miexi normali fil-karregjata ta' gewwa, u quddiemi fl-istess karreggjata kien hemm karozza ohra sejra fl-istess direzzjoni tieghi, li wara sirt naf li kienet misjuqa minn Edward Mifsud. Kien hemm distanza qisu ta' xi zewg jew tlett tulijiet ta' karozza bejnietna. Konna ilna nsuqu wara xulxin ghal xi hin. It-tnejn konna mexjin bi speed normali*".

Illi minn dan ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien konxju sew tal-karozza ta' l-attur u anke kompla jghid li meta l-attur wasal vicin is-6th Form College li kienet qeghda fuq ix-xellug tat-triq huwa nnonta li l-karozza ta' l-attur Edward Mifsud bdiet ukoll tislowja.

Illi dan jaqbel perfettament ma dak li min-naha l-ohra sostna mill-bidu nett l-attur meta fix-xhieda tieghu tal-15 ta'

Gunju 1998 qal li meta beda javvicina l-iskola beda jnaqqas is-sewqan tant li kif wasal qrib hafna tal-kullegg kien kwazi waqaf ghal kollox u kiser bil-mod ghal gol-*main gate* tal-kullegg.

Illi mela allura jirrizulta car miz-zewg versjonijiet tal-kontendenti li l-attur bl-ebda mod ma ghamel manuvra f'daqqa sabiex huwa jikser fuq ix-xellug tieghu. Anzi jirrizulta li l-attur li kien miexi bi *speed* normali beda jikkontrolla l-i*speed* tal-vettura tieghu billi jnaqqas sabiex ovvjament idur fuq ix-xellug tieghu, u ghalhekk is-sewqan ta' l-istess attur ma jista' bl-ebda mod jigi kkunsidrat bhala brusk jew imprudenti b'mod li kien ser jahsad lill-vetturi li kienu gejjin warajh, u dan kollox apparti l-kwistjoni jekk l-attur qabel ghamel din il-manuvra kienx ghamel sinjal sabiex idur fuq ix-xellug tieghu jew le (A.I. "**Carmelo Meli et vs Martin Baldacchino"** – 5 ta' Novembru 1998 LXXXII.III.163).

Illi fl-opinjoni ta' din l-Qorti dak li kkawza l-incident jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess konvenut fl-affidavit indikat fejn sostna li wara li ra l-karozza ta' quddiemu tibda tislowja kollox gara wara b'radd ta' salib ghaliex sostna li: *"Jien qbadt u xghelt l-indicator tal-lemin sabiex nipprova nghaddi malajr ghall-karreggjata ta' barra u ghalhekk ma stajtx naqla' fil-fatt tajt daqqa t'ghajn fil-mera tal-genb izda nara karozza ohra gejja minn warajja fuq il-karreggjata ta' barra, dak il-hin stess il-karozza ta' quddiemi qabdet u kisret hesrem fuq ix-xellug biex tidhol fl-entratura tal-Kullegg*

*minghajr m'ghamel l-ebda sinjal biex tindika li kienet ser tieqaf u ddur fuq ix-xellug*".

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car li l-konvenut ghamel il-manuvra zbaljata u naqas li jara dak li kien in *plain view* u li jzomm *proper look-out* u dan peress li ghalkemm kien konxju tal-fatt li huwa qed isegwi l-karozza ta' l-attur u ghalhekk reattiv ghall-fatt li l-karozza ta' quddiemu kienet naqset lis-*speed* taghha, minflok huwa ghamel l-istess u baqa' jsegwi l-manuvra ta' l-istess karozza u jzomm id-distanza bejniethom kostanti, huwa ddecieda li jaghmel minflok *over-taking* u meta nduna li dan ma setax jaghmlu minhabba karozzi ohra mexjin fuq l-*outer lane,* huwa habat fil-karozza ta' quddiemu li sa dan it-tant kienet ukoll bdiet tikser ghal fuq ix-xellug, bil-konsegwenzi ndikati fl-istess kawza.

Illi dan in-nuqqas da parte tal-konvenut huwa aktar gravi meta wiehed jikkonsidra li kien ilu jsegwi lill-attur ghal diversi hin u wkoll meta sostna li kien qed izomm distanza bejn iz-zewg vetturi ta' zewg jew tlett tulijiet ta' karozza bi *speed* imsejjah normali li certament li kien iwassal sabiex il-konvenut jevita li jidhol fil-karozza ta' quddiemu kieku kien verament attent u naqqas l-i*speed* ukoll tieghu bhal ma naqqas l-i*speed* l-attur, u minghajr ma jaghmel il-manuvra ta' *overtaking* kien iwaqqaf il-karozza tieghu b'tali mod li ma jsirx l-impatt.

Dan il-konvenut m'ghamlux ghax mix-xhieda tieghu jirrizulta li l-unika opzjoni li halla ghalih innifsu kien li

jaghmel is-sorpass u mhux biex inaqqas l-i*speed* tal-vettura tieghu, u dan fih innifsu u fl-opinjoni ta' din il-Qorti kienet kalkolazzjoni kompletament zbaljata da parte tal-konvenut li biha tilef il-perspettiva tal-kontroll tal-vettura tieghu u kienet ukoll il-kawza prossima tal-istess incident.

Illi minn dan kollu jidher ukoll car li l-konvenut fil-mument krucjali tas-sewqan tieghu qabel l-impatt ghall-mumenti tilef il-vizwali tas-sewqan tal-karozza ta' quddiemu u kien dan li kkawza l-istess incident.

Illi dwar il-punt tas-sinjali mill-provi prodotti din il-Qorti thoss li l-versjoni ta' l-attur hija hafna aktar verosimili minn dik tal-konvenut, li hija kellha l-okkazzjoni li tisma l-kontro-ezami tieghu ukoll viva-voce, u thoss li apparti li l-attur Mifsud naqqas l-i*speed* tieghu qabel ma kiser fuq ix-xellug, huwa wkoll ghamel is-sinjal bl-*indicator* li huwa kien fil-fatt ser idur fuq l-istess naha, u ghalhekk anke hawn l-allegazzjoni ta' l-istess konvenut li l-attur dar minghajr ebda sinjali ma hix qed tigi accettata.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess il-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u fil-waqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha, l-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda.

## III. LIKWIDAZZJONI.

Illi dwar id-danni reklamati mill-attur jirrizulta li dawn saru *ai termini* ta' *survey* esebit a fol 5 tal-process u jirrizulta wkoll li s-socjeta` attrici halset lill-assigurat taghha l-ammont indikat fic-citazzjoni attrici kif jirrizulta mid-Dokument B a fol 6 tal-process, u *di piu`* l-ammont ta' danni reklamat ma gie bl-ebda mod ikkontestat mill-konvenut fl-ebda stadju tal-kawza u lanqas fl-eccezzjonijiet tieghu, u ghalhekk din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' £m1763 (elf, seba mija u tlieta u sittin lira), liema danni jirrizultaw ukoll bhala regonevoli.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda c-citazzjoni attrici, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabblii ghall-incident stradali fuq imsemmi u ghar-ragunijiet hemm citati.

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' £m1763 (elf, seba mija u tlieta u sittin lira) rappresentanti kwantu ghal £m1738 effettivament imhallsa mill-attur noe u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu, u kwantu ghal £m25 imhallsa minn Edward Mifsud.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' £m1763 (elf, seba mija u tlieta u sittin lira), hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-29 ta' Jannar 1996 u bl-imghax tat-8% fuq £m1763 mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fis-6 ta' Jannar 1998 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Illi rigward il-**kontro-talba ta' l-istess konvenut,** ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati,** tichad it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu stante li huma nfonadti fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta' l-istess kontro-talba a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 t'April 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**26 t'April 2001.**